



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

11345/23

COASI 141	AGRI 609
ASIE 84	TRANS 415
CFSP/PESC 1394	ENV 1116
RELEX 1181	ENER 546
COHOM 202	ECOFIN 1045
CONOP 97	EDUC 388
COTER 183	CULT 117
WTO 163	CLIMA 469
JAI 1311	MIGR 337
DEVGEN 181	ASEM 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh għal Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati
mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh
għal Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi n-negozjati għandhom jinfetħu bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") huma b'dan awtorizzati biex jifflu negozjati għal Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh ("il-Ftehim").
2. In-negozjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan nominata bħala l-kap tat-tim tan-negozjar tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Asja-Oċeanja.

Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali għandu jiġi kkonsultat b'mod regolari dwar il-partijiet tal-Ftehim relatati mal-kummerċ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
